MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010

Numru. 401/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**
**Vs**
**Clint Christ Mifsud**

**Illum 7 ta’ Dicembru, 2010**

**Il-Qorti,**
Rat li l-imputat Clint Christ Mifsud bin Francis u Maria Lourdes nee’ Farrugia imwieled Pieta’ u residenti Paola, detentur tal-karta tal-identita’ 272182M tressaq quddiemha w akkuzat talli fil-21 ta’ Marzu 2010 ghall-habta ta’ bejn is-siegha w is-saghtejn ta’ filghodu dahal gewwa l-istores tal-lukanda maghrufa bhala Dolmen li qeghda f’Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar, minn fejn ikkommetta serq ta’ prodotti tal-frott u haxix li l-valur taghhom jammonta ghal sitta w sittin Ewro (€66) liema serq hu aggravat bil-mezz u l-hin, u dang had-dannu tal-proprjetarji tal-istess lukanda.

Din il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' kundanna hija ghandha titratta mal-imsemmi mputat bhala recidiv billi fid-disgha ta' Lulju, 2008 b'sentenza moghtija minn din l-istess Onorabbli Qorti, kien instab hati ta' delitt ta' serq, liema sentenza hi definittiva u ma tistax tigi mhassra.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 t'April, 2010.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tas-sebgha ta' Dicembru, 2010 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tas-sebgha ta' Dicembru 2010 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Il-Qorti semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi l-imputat ikkopera bis-shih maqghha tul din l-investigazzjoni u li hu ghamel tajjeb ghad-danni sofferti mid-Dolmen Hotel.

Rat l-istqarrija rilaxxjata minnu ftit wara l-allegat serq u rat illi l-akkuza in kwistjoni titratta fuq serq ta' haxix u frott li gie moghti lill-kunjata tieghu.

Il-Qorti ghalhekk ma thossx li hija ghandha timponi sentenza ta' habs f'dawn ic-cirkostanzi, molto piu' meta semghet lill-imputat jghid li huwa llum ghandu mpjieg regolari, liema dikjarazzjoni ma gietx kontestata mill-Prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif moghtija kontra tieghu u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261 B u F, 263, 270, 278 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'

Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati u tiddeciedi li tpoggieh taht Ordni ta’ Probation ghall-perjodu ta’ sentejn millum ai termini tal-Artikolu 7 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u tobbliga lill-imputat joqghod ghall-Ordni annessa ma’ din is-sentenza.

Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services u taghmillu referenza ghal sentenza ohra moghtija fil-konfront tal-imputat fl-istess ismijiet premessi nhar l-ewwel ta’ Dicembru 2010 fejn hemmhekk inghata ordni ta’ Supervizjoni bil-ghan li jigi nnominat l-istess kandidat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------